# PROTETTUR LI FIH MA JIDĦOLX ILMA

## minnu għal ġibs u infaxxaturi

# GWIDA GĦALL-KURA U UŻU

MT **Il-protettur Bloccs® li fih ma jidħolx l-ilma** hu ddissinjat apposta biex jipproteġi l-ġibs, infaxxatura jew faxex biex min jilbes dawn ikun jista' jgħum jew jieħu doċċa bħas-soltu. Dan il-protettur li ma jidħol ebda qatra ilma fih u li hu kompletament sommerġibbli jista' jintuża ħdejn il-baħar jew pixxina jew paddling pool.

⚠ **TWISSIJA:** Gomma latex naturali tista' tikkawża reazzjoni allerġika. Jekk qiegħed taħt kura medika, jekk jogħġbok ġib l-approvazzjoni tal-professjonist mediku tiegħek qabel ma tuża l-protettur. TUŻAX JEKK INT ALLERĠIKU GĦAL-LATEX.


**Bloccs®**
Precision Dippings Manufacturing Ltd,
Unit J, Lawrence Drive,
Stover Trading Estate, Yate,
Bristol BS37 5PG, Renju Unit
Telefown: *+44 (0) 1454 318197*
Email: *info@bloccs.com*

www.bloccs.com


**Magħmul fir- Renju Unit**
Il-prodotti kollha huma magħmula skont l-istandard kurrenti approvat ISO 9001 Sistema tal-Amministrazzjoni tal-Kwalità


**©Bloccs® 2021**


CE

2019


**Precision Dippings Manufacturing Ltd**
Unit J, Lawrence Drive,
Stover Trading Estate,
Yate, Bristol,
BS37 5PG,
Renju Unit

EC REP
Obelis s.a.
Bd. Général Wahis 53
B-1030 Brussell
Il-Belġju



Riproduzzjoni, kopji, xogħolijiet derivattivi, distribuzzjoni u wiri għall-pubbliku ta' dan il-manwal huma permessi biss bil-kunsens bil-miktub bil-quddiem ta' Bloccs®.

# KURA U UŻU TAL-PROTETTUR BLOCCS® TIEGĦEK

Grazzi talli għażilt Bloccs®. Jekk jogħġbok aqra bir-reqqa l-istruzzjonijiet li ġejjin qabel ma tuża l-protettur Bloccs® tiegħek jew qabel tissorvelja t-tfal waqt li jużaw tagħhom. Dan ser jassigura li l-protettur ikun qed jintuża b'mod sigur u li s-siġill li suppost hu issikkat sew biex ma jħallix l-ilma jidħol hu effettiv.

Id-deċiżjoni li tilbes l-protettur Bloccs® meta tieħu banju, doċċa jew tużah għal kwalunkwe attività oħra bbażata fuq l-ilma tittieħed b'riskju għalik. Għandek tikseb parir mediku biex tassigura li l-attività ma taffettwax il-ferita.

## Kif tilbes il-protettur Bloccs® tiegħek

Peress li l-protettur Bloccs® hu magħmul minn gomma latex naturali, għandek tneħħi kull ġojjellerija b'xifer u oqgħod attent li ma jittaqqabx b'difrejk stess. Għatti t-trufijiet ħorox bit-tape jew b'faxxa li tiġġebbed.

Qabel ma tuża, ogħrok is-siġill flimkien b'idejk u ġebdu ftit bil-mod. Biex tivverifika kif jidħol is-siġill, ipprova l-għata tiegħek fuq id-driegħ jew ir-riġel bla ġibs. Jekk is-siġill jinħass wisq issikkat jew maħlul meta tippruvah, jekk jogħġbok agħżel protettur ta' daqs differenti.

Is-siġill lixx, inkaxxat mal-ġilda li ma jidħolx ilma minnu għandu jiġġebbed bla tfixkil fuq l-infaxxatura.

**Segwi l-gwidi tagħna b'erba' passi faċli inklużi f'dan il-fuljett biex jgħinuk tilbes il-Bloccs® tad-driegħ/riġel u minkeb/irkoppa tiegħek.**

## Kif tuża l-protettur Bloccs® tiegħek

Il-protettur Bloccs® hu maħsub biex iżomm l-infaxxatura niexfa meta tkun esposta jew mgħaddsa fl-ilma.

Il-protetturi Bloccs® jużaw l-istess tip ta' siġill bħal dak li nsibu fuq dry suits.

Qabel ma tidħol fl-ilma, neħħi l-arja kollha mill-protettur Bloccs® billi timmassaġġja l-għata 'l fuq lejn is-siġill biex toħroġ l-arja kollha maqbuda ġewwa. Dan jista' jsir ukoll b'mod gradwali billi tniżżel il-parti ġol-ilma ħalli l-pressjoni tal-ilma tressaq l-arja lejn in-naħa ta' fuq tal-protettur.

Iġbed is-siġill bil-mod minn mal-ġilda biex tneħħi l-arja qabel ma tgħaddas u assigura li l-ilma ma jidħolx ġol-protettur.

Il-protettur għandu jintlibes eżatt qabel ma tidħol fl-ilma u jitneħħa hekk kif toħroġ mill-ilma.

Id-deċiżjoni li tidħol fl-ilma hi għar-riskju tiegħek. M'għandekx taqbeż jew togħdos fil-pixxina. Il-protetturi ma kinux maħsuba għal għadis, snorkeling jew għal sports ieħor tal-ilma.

Nirrakkomandaw li l-protettur Bloccs® ikun ivverifikat regolarment waqt l-użu biex tassigura li s-siġill baqa' ma jistax jidħol ilma fih u li jkun komdu.

Il-protettur jista' jintlibes sa 30 minuta - sakemm ikun għadu komdu biex tilbsu, ma jinħassx issikkat u hu vverifikat regolarment. Jekk tilbes il-protettur għal iktar minn 30 minuta jista' jkollok arja maqbuda ġewwa u dan iwassal għal għaraq u skumdità.

IT-TFAL GĦANDHOM IKUNU SORVELJATI L-ĦIN KOLLU ĠO PIXXINA JEW FIL-BAĦAR

# Kif tneħħi l-protettur tiegħek

Biex tneħħi l-protettur Bloccs® tiegħek, żerżqu bil-mod fuq l-infaxxatura jew l-ġibs ta' fuq idek jew riġlek. Oqgħod attent u kun żgur li s-siġilli ma saritilhomx ħsara bid-dwiefer jew ġojjellerija.

# Kura tal-protettur Bloccs®

Il-protettur Bloccs® hu suġġett għal ħsara waqt l-użu imma għandu jservi għal madwar 4 ġimgħat ta' użu normali.

Il-protettur għandu jkun ivverifikat qabel kull użu biex tassigura li ma jkunx hemm sinjali ta' ħsara jew għeja kbira.

Jekk il-protettur ddeterjora jew b'xi mod jew ieħor kellu l-ħsara, għandek tixtri ieħor minfloku.

Il-protetturi għandhom jiġu maħżuna f'temperatura inqas minn 26°C (78.8F) u 'l bogħod minn heaters. F'bard estrem, il-protettur jista' jsir iebes: dan mhux permanenti u jekk issaħħnu, jerġa' jiġi tajjeb.

Kundizzjonijiet umdi ta' ħażna għandhom jiġu evitati. Evita li tesponi l-protettur għal perjodu itwal ta' dawl, speċjalment id-dawl tax-xemx diretta u dawl artifiċjali b'ammont għoli ta' UV.

Il-protettur Bloccs® jista' jinħasel f'ilma sħun u wara trid tnixxfu minn ġewwa u barra bil-galbu. Jekk timsaħ ġewwa bi ftit terra, ikun iktar faċli tilbes il-protettur Bloccs®. Tnixxifx il-protettur ġo tumble drier jew fuq radiator.

Evita kuntatt ma' ram, liga li jkollha r-ram, solventi, żjut u grassijiet għax jistgħu jikkaġunaw ħsara lill-protettur Bloccs®.

Żomm 'il bogħod minn fjammi mikxufa għax dan jista' jwassal għal korriment serju fuq il-persuna u anki mewt.

*Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-protettur Bloccs® tiegħek, jekk jogħġbok żur www.bloccs.com jew ibgħat email lil info@bloccs.com.*

*Kopja ta' dan il-manwal, il-grafika tagħna tal-qisien u l-garanzija Bloccs® huma disponibbli fuq il-website tagħna www.bloccs.com u www.bloccs.com/warranty*

*Bloccs® iżżomm d-dritt li timmodifika il-manwal kif tqis li hu xieraq. Bħala konsumatur, hi r-responsabbiltà tiegħek li tivverifika l-verżjoni onlajn tal-manwal għal modifikazzjonijiet.*

**TWISSIJA:** Bloccs® jista' jsir jiżloq meta jkun imxarrab. Uża tapit tal-banju li ma jiżloqx fid-doċċa jew banju u żomm tapit ieħor li ma jiżloqx jew xugaman għal meta toħroġ. M'għandekx timxi mal-ġenb tal-pixxina meta jkollok fuqek protettur Bloccs® u oqgħod iktar attent meta tuża taraġ tal-pixxina għax jista' jiżloq. Żomm tajjeb mal-poġġaman.

**TWISSIJA:** Protetturi Bloccs® mhumiex ġugarelli. Biex tevita periklu ta' soffokazzjoni, żomm il-prodott u l-ippakkjar tiegħu fejn ma jilħquhomx it-tfal u t-trabi.

**TWISSIJA:** Gomma latex naturali tista' tikkawża reazzjoni allerġika. Jekk qiegħed taħt kura medika, jekk jogħġbok ġib l-approvazzjoni tal-professjonist mediku tiegħek qabel ma tuża l-protettur. TUŻAX JEKK INT ALLERĠIKU GĦAL-LATEX.

**TWISSIJA:** Għandek tieħu iktar ħsieb meta ddaħħal ġibs tar-riġel fl-ilma għax jistgħu jkunu tqal u jirrestrinġu l-moviment. M'għandekx tipprova tgħum b'ġibs tar-riġel.

**TWISSIJA:** Oqgħod attent għal-linji PICC jew IV.

*Mhux possibbli nipprovdu twissijiet dwar kull periklu possibbli relatat mal-użu ta' dan il-prodott. Il-konsumaturi huma avżati allura biex jużaw is-sens komun u ġudizzju tajjeb meta jużaw protettur Bloccs®.*

***Kull inċident serju li jseħħ relatat ma' dan it-tagħmir għandu jkun irrapportat lill-fabbrikant u l-awtorità kompetenti fil-pajjiż minn fejn inxtara.***

# BLOCCS®

# KIF TILBES IL-PROTETTUR BLOCCS® FID-**DRIEGĦ** JEW **RIĠEL** MINGĦAJR ASSISTENZA

Il-protettur għandu jintuża skont l-istruzzjonijiet kollha tal-kura u tal-użu. Jekk jogħġbok żur *www.bloccs.com* biex tara l-video tad-dimostrazzjoni u l-Mistoqsijiet Frekwenti.

1



Neħħi l-protettur tiegħek mill-imballaġġ u iftħu. Neħħi ċ-ċrieket bil-ponta, eċċ.

2



Qabel ma tuża, ogħrok is-siġill flimkien b'idejk u ġebdu ftit bil-mod.

3



Itwi l-protettur lura nofs triq mit-tarf miftuħ.

4



Biex tivverifika kif jidħol is-siġill, l-ewwel ipprova l-għata tiegħek fuq id-driegħ jew ir-riġel bla ġibs jew infaxxatura.

Poġġi d-driegħ jew riġel li trid fit-tarf miftuħ biex is-sieq jew l-id tkun fit-tarf tal-protettur.

5



Rembel l-protettur lura fuq id-driegħ jew ir-riġel sakemm is-siġill ikun ċatt mal-ġilda. Jekk is-siġill jinħass wisq issikkat jew maħlul meta tippruvah, jekk jogħġbok agħżel protettur ta' daqs differenti.

Ħalli ftit arja toħroġ biex tevita li jżomm f'wiċċ l-ilma.

# BLOCCS®

# KIF TILBES BLOCCS® TAL-**MINKEB** JEW TAL-**IRKOPPA** MINGĦAJR ASSISTENZA

**Il-protettur għandu jintuża skont l-istruzzjonijiet kollha tal-kura u tal-użu. Jekk jogħġbok żur *www.bloccs.com* biex tara l-video tad-dimostrazzjoni u l-Mistoqsijiet Frekwenti.**

## 1




Neħħi l-protettur tiegħek mill-imballaġġ u iftħu. Neħħi ċ-ċrieket bil-ponta, eċċ.

Il-protettur għandu żewġt itruf; tarf wiesa' biex jissiġilla madwar il-biċipite jew koxxa (B) u tarf iżgħar biex jissiġilla madwar il-polz jew il-pexxun iktar isfel (C).

## 2



Qabel ma tuża, ogħrok is-siġilli flimkien b'idejk u ġebbidhom ftit bil-mod.

## 3




Biex tilbes il-protettur faċilment, ħu t-tarf B u dawwar nofs il-protettur minn ġewwa għal barra ħalli jkun eżatt fuq it-tarf C.

## 4




Biex tivverifika kif jidħol is-siġill, l-ewwel ipprova l-għata tiegħek fuq id-driegħ jew ir-riġel bla ġibs jew infaxxatura.

Imbotta bil-mod jew idek jew sieqek miż-żewġ trufijiet B u mbagħad C. Imbagħad tella' t-tarf B sakemm jissiġilla tajjeb fuq id-driegħ jew il-koxxa.

## 5




Iż-żona kollha tal-infaxxar għandha tkun miksija u siġill lixx issikkat mal-ġilda li ma jidħolx l-ilma fih għandu jifforma madwar id-driegħ jew riġel fiż-żewġ trufijiet tal-protettur. Jekk is-siġill jinħass wisq issikkat jew wisq maħlul meta tippruvah, jekk jogħġbok agħżel protettur ta' daqs differenti.

Ħalli ftit arja toħroġ biex tevita li jżomm f'wiċċ l-ilma.

BLOCCS®

# GLOSSARJU TAS-SIMBOLI

| | |
|---|---|
| | Manifattur |
| CE | Markatura tal-konformità CE |
| MD | Apparat Mediku |
| UDI | Identifikatur Uniku tal-Apparat |
| QTY | Numru ta' Apparati |
| LOT | Kodiċi tal-lott |
| | Data tal-Manifattura |
| | Distributur |
| EC REP | Rappreżentant Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea |

| | |
|---|---|
| | ATTENZJONI |
| LATEX | Fih preżenza ta' gomma naturali latex |
| | Wiċċ li jiżloq |
| | Riskju ta' soffokazzjoni |
| | Żomm 'il bogħod mid-dawl tax-xemx |
| 5°C (41F) 26°C (78F) | Aħżen bejn 5 - 26°C (41-78°F) |
| 1 | Pazjent wieħed - użu multiplu |
| NON STERILE | Mhux sterili |
| i | Ikkonsulta l-istruzzjonijiet għall-użu |
| 4 LDPE | Imballaġġ riċiklabbli |
| | L-ebda fjammi mikxufa |